MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 388/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alistair Camilleri**
***omissis***

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a. Nhar il-21 ta' April 2005, f'dawn il-Gzejjer, ghal habta ta' siegha ta' filghodu, ikkommettew serq ta' flus minn fond "Sorreda Hotel" sitwat fi Triq Andrew Cunnigham, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jaccedi l-mitt lira maltin, u li sar ghad-detriment ta' Alfred Fenech;

b. Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joseph Farrugia u lil Paul

Mamo, impjegati ta’ Sorreda Hotel, kontra l-volonta’ taghhom;

c. Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu reat, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar, jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

d. Nhar l-24 ta’ Dicembru 2004, f’dawn il-Gzejjer, matul il-lejl ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom, deheb u armi tan-nar, minn fond “Gold Finch” sitwat fi Triq Guze Muscat Azzopardi, Qormi, liema serq hu kwalifikat, bilmezz, hin, lok u valur li jaccedi l-elf Lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ George Falzon;

e. Nhar l-24 ta’ Dicembru 2004 u xhur ta’ wara, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

f. Fil-lejl ta’ 22 ta’ April 2005 u 23 ta’ April 2005, f’dawn il-Gzejjer assocjaw ruhom bil-ghan li jaghmlu reat u cioe serq ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, bil-hin u bil-valur li jiskorri Lm1,000 (elf Lira Maltin) minn fond Jessie’s Bar sitwat fi St. Andrew’s;

g. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom filpussess taghhom arma tan-nar cioe’ senter tal-marka Pietro Beretta bin-numru ta’ serje C03515B, u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

h. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wara inzul ixxemx garrew arma tan-nar cioe’ senter tal-marka Pietro Beretta bin-numru ta’ serje C03515B, u munizzjon;

i. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garrew arma tan-nar u cioe’ senter tal-marka Pietro Beretta bin- numru ta’ serje C03515B, ikkargat u li ma kienx fl-ghata tieghu, f’post abitat, f’distanza ta’ inqas minn 50 (hamsin metru);

**Lil Alistair Camilleri wahdu akkuzat:**

j. Talli fil-lejl ta' bejn 22 ta' April 2005 u 23 ta' April 2005, f'dawn il-Gzejjer wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni instabu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu; **(Artikolu 287 tal-Kap.9)**

k. Talli fit-22 ta' April 2005 u xhur ta' qabel rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula; **(Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9)**

**Lil *Omissis* wahdu akkuzat:**

l. Talli fil-lejl ta' bejn 22 ta' April 2005 u 23 ta' April 2005, f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-marka Ford Escort ta' registrazzjoni JAT 262, bla kont, u b'manjiera traskurata u bla kont u kien ta' periklu ghal terzi persuni;

m. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAT 262 f'post li huwa regolat b'sinjali ta' dawl ta' traffiku, saq l-imsemmija vettura meta dawl kien qieghed jixghel ahmar jew amber.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Settembru, 2010 fejn sabet lill-imputat **Alistair Camilleri**, mhux hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), r-raba' (4), tas-sitt (6) u l-ghaxar (10)-il akkuza li minnhom tillibertu, hati tal-hames (5), tas-seba' (7), tat-tmien (8), tad-disa' (9) u tal-hdax (11)-il akkuza u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 31, 334 u 279(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 2 u 3(1A) tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta, **ikkundannat lill-imputat Alistair Camilleri ghal sentejn u nofs prigunerija** li minnha ghandu jitnaqqas il-perijodu illi l-imputat ghamel f'arrest preventiv. In oltre', ikkundannatu ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal- Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallas l-ispejjez inkorsi f'perizji f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Settembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li twettaq is-sejbien ta' nuqqas ta' htja fl-appellant tal-akkuzi numru 1, 2, 3, 4, 6, u 10, thassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabithu hati tal-5, 7, 8, 9 u 11 il-akkuza u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Illi in pessima ipotezi, f'kaz ta' twettiq tas-sentenza appellata, l-esponent – billi detenut – jitlob li jinghata zmien xieraq ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi f'perizji.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi jidher car li x-xhieda ta' Darren Gilford u ta' Matthew Vassallo kienet detrimentali biex instabet htija fl-esponenti.

Illi d-difiza kienet ghamltiha cara fit-trattazzjoni li la Darren Gilford kien komplici (anke jekk ghadu ma tressaqx) maz-zewg akkuzati, ix-xhieda tieghu kienet tinhtieg il-korroborazzjoni – kif kienet il-ligi fiz-zmien li twettaq l-allegat reat (art. 638 Kap. 9). Dan naturalment jghodd ukoll ghal Matthew Vassallo. Kif wara kollox sewwa osservat l-ewwel Onorabbli Qorti dan Gilford – li jigi kugin ta' Vassallo –

“Huwa xhud illi kien akkompanja liz-zewg imputati u kien prezenti fic-chase tal-Pulizija u ghaldaqtant hemm altru minn dubju ragjonevoli dwar il-motivazzjoni tax-xhieda tieghu.”

Wara li l-Ewwel Qorti kompliet tiskredita lil Gilford li lliberat lill-appellant mill-ewwel erba` akkuzi izda imbghad kompliet hekk:

“..L-istess pero`, ma jistghax jinghad dwar il-hames (5) akkuza, cioe ricettazzjoni. Dan qieghed jinghad il-ghaliex

jirrizulta ampjament illi Alistair Camilleri tela’ fil-karozza ta’ Matthew Vassallo b’borza illi zamma taht id-*dash board* fil-*front passenger seat* talkarozza ta’ Vassallo u hemm xhieda sgjaccanti illi kien limputat Camilleri illi rema senter isserrat vicin ta’ l-iskola Umberto Kolosso...”

Izda din il-konkluzjoni hija bazata unikament fuq li qal Gilford (ara fol 30) u ghalkemm anki saret riferenza wkoll ghal xi stqarrija li huwa rrilaxxja (fol 29) din baqa ma kkonfermahiex quddiem l-Ewwel Qorti fl-unika darba li huwa xehed fil-5 ta’ Mejju, 2005;

Issa apparti li x-xheida ta’ Gilford tehtieg il-korroborazzjoni, huwa utli hafna li wiehed jirreferi ghad-depozizzjoni tal-Ispettur Agius li xhed dwar dak li qallu Gilford (fol 96):

“...dik biss li ammetta li ppruvalu balaklava, il-bqija ma jafx, ghedtlu s-senter rajtux hiereg, qalli iva, qalli dak ha nghidlek x’ gara fl-istatement Darren Gilford kien ammetta li qalli li kif raw il-karozzi gox- Xatt il-Gzira, raw il-Pulizija l-karozza tal-Pulizija bil- ‘beacle lights’ mixeghula qalli tfexfex id-driver qalli u beda jsuq, qalu u kif wasalna l-Blata l-Bajda qalli jien smajt, Darren Gilford ammetta mieghi li sema lil Matthew Vassallo, qallu jekk jisparaw il-Pulizja jien nispara fuqhom, qalli wkoll rajtu ghedtlu inti biex ha tispara fuqhom, Darren Gilford qallu jien ghandi senter, qalli rajtu jidhol idahhal idejh taht id-dashboard tal-escort, qalli u jaqla senter, qalli pero` fil-pront kif qomna laqhana l-Pulizija ghadhom jigru warajna Santa Venera fejn il- fabbrika tas-Seven Up wara ftit il-fuq, qalli rajtu jarmi s-senter mit-tieqa tal-passiggier ghal-barra..”

Illi kif wiehed jista jara kemm minn dal-bran Gilford hawn lanqas biss jirreferi ghall-appellant.

Illi meta l-Ewwel Qorti daret ghax-xhieda ta’ Vassallo dwar il-hames akkuza kontra l-appellant, minbarra l-akkuza 7, 8 u 9 hija sabet li tista` ssib htija fl-appellant billi Vassallo – fol 15 tas-sentenza –

"..ikkonferma li hu ma kienx jaf illi l-imputat Camilleri kellu fil-pussess tieghu arma u li huwa harab minn fuq il-post il-ghaliex beza', **wara** li Alistair Camilleri nsista mieghu illi kellu jsuq minhabba li kellu fil-pussess tieghu xi haga llegali..."

Illi apparti li ghal darba ohra lill-Ewwel Qorti rega` sfuggiela li la darba Vassallo huwa komplici x-xheida tieghu bla korrobarazzjoni (bil-ligi ta' dak iz-zmien) ma tiswiex – u certament mhux minn komplici iehor, kif inhu Gilford – dak li qalet l-Ewwel Qorti ma hux dak li jirrizulta mill-istqarrija ta' Vassallo; il-bran rilevanti huwa dan (fol 21):

" M: Allura int li kellek il-kontroll tal-karozza ghalfejn ma waqaftx meta l-Pulizija kienu warajk?

T: Ghax l-ohrjan qaluli biex insuq, jien bzajt.

M: Ghalfejn bzajt?

T: Jien bzajt ghax peress li qaluli biex insuq jien bzjat li kellhom xi haga u ghalhekk jien soqt biex ma nehilx maghhom.

M: Allura ma staqsejtx ghalfejn rieduk tibqa` ssuq?

T: Le, ma staqsejt xejn..."

Illi minn dal-bran zgur ma jistax jinghad li l-appellant kien fil-pussess ta' xi haga illegali, u jekk intremiet xi arma mill-karozza ma jistax jinghad li kienet tal-appellant;

Illi fic-cirkostanzi l-esponent jissottometti li bhal ma tressqux provi bizzejjed dwar l-akkuzi numru 1, 2, 3, 4, 6, u 10 kontra l-appellant, il-provi li tressqu dwar l-akkuzi numru: 5, 7, 8, 9, u imbghad issegwi – il-11 ma jwasslux sal-grad mehtieg mill-ligi ghal sejbien ta' htjia tal-appellant.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-lejl ta'bejn it-22 u 23 ta' April, 2005 il-pulizija tal-mobile nnutaw karozza tat-tip Ford Escort bin-numru JAT 262 misjuqha b'mod erratiku li qanqlet is-suspetti taghhom. Il-pulizija xeghlu l-beacons u ghamlu sinjal lis-sewwieq tal-vettura biex jieqaf, izda dan ma ghamilx hekk u minflok beda jsuq b'mod aktar veloci sabiex jevita lill-pulizija. U hawn bdiet "car chase" minn hdejn il-Pont ta' Manuel Island u spiccat l-Imriehel hdejn l-iskola ta' Umberto Colosso fejn il-pulizija rnexxielhom iwaqfu il-karozza. Irrizulta illi kien hemm Matthew Vassallo wara l-isteering, ma genbu l-appellant Alister Camilleri u fuq wara Darren Gilford. Pero' waqt l-insegwiment il-pulizija nnutaw illi ntremiet xi haga mill-vettura u minn aktar investigazzjoni rrizulta illi dan kien borza bi skufi w senter sserrat. It-tliet persuni gew arrestati u sussegwentement Matthew Vassallo u Alister Camilleri gew mixlija l-Qorti b'sensiela ta' reati illi taghhom kellhom iwiegbu. B'Sentenza moghtija tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta' Settembru, 2010 sabet lil Allister Camilleri u lil Matthew Vassallo hatja ta' diversi mill-akkuzi migjuba kontra taghhom u kkundannat lill-appellant sentejn u nofs prigunerija.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza ghax dehrlu illi l-ewwel Qorti tat wisq piz lix-xhieda ta' Darren Gilford u ta' Matthew Vassallo, mentri dawn bhala komplici bilfors illi kellhom ikunu korroborati skont l-Artiklu 638 tal-Kap 9 qabel ma gie emmendat.

Ikkunsidrat.

Hawn hekk il-Qorti ma tistax taqbel ma l-appellant fuq punt ta' principju jekk Darren Gilford kellux jitqies bhala komplci jew le. Veru illi kien fil-karozza maghhom u kien qieghed jara dak li qieghed jigri, pero' dan mhux necessarjament jirrendih komplici peress illi biex dana jsir kellu jkollu "*a common design*" ma l-awtur tar-reat. Dan il-*common design* kien ifisser quindi illi Darren Gilford kien konxju ta' dak kollu illi kien qieghed jigri u kien partecipi mieghu. Il-fatti pero' juru mod iehor illi Darren Gilford ma kienx jaf x'kien se jgib mieghu l-appellant u kien biss fil-karozza illi Gilford li ra illi l-appellant gab mieghu skufji u

senter isserrat, liema oggetti ntremew mill-istess appellant waqt l-insegwement tal-pulizija.  Gilford ma giex mixli b'dan l-incident u ghalhekk seta' liberament jaghti x-xhieda tieghu fil-konfront ta' Vassallo u l-appellant u la ma rrizultax dak il-*common design* fl-entrapriza illi kienet ser tinholoq allura tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti illi ma kelliex tqis lil Gilford  bhala komplici f'liema kaz il-kwezit ta' l-allura Artiklu 638 ta' Kap 9 ma kienx necessarju.

F'dan il-kaz skatta s-sub-Artiklu 2 ta' l-Artiklu 638 tal-Kap 9 illi jghid "*illi x-xhieda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompjuta minn kollox. . . .*". Evidentiment l-ewwel Qorti emment lil Darren Gilford u waslet ghal konkluzjonijiet taghha bbazati fuq din ix-xhieda u provi ohra illi rrizultaw mill-Atti nkluz dawk cirkustanzjali li jwasslu ghal konkluzjoni wahda illi l-appellant Alister Camilleri kien fi ksur tal-Ligi fit-teremini ta' l-Artikli li taghhom instab hati u bhall-ewwel Qorti din il-Qorti hija konvinta minghar dubju dettat mir-raguni li l-appellant kien fil-pussess ta'oggett illegali gej mis-serq.

L-ewwel Qorti ghalhekk fuq il-provi illi kellha quddiema setghet ragunevalment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha.  Ghalhekk mhux il-kaz illi l-Qorti ta' l-Appell tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------